


# Ilkoll konsumaturi... Imma lkoll infurmati?

**Konsumaturi infurmati jafu faċilment kif għandhom jidentifikaw l-aħjar offerti, xi drittijiet għandhom, u x'rimedji jistgħu jfittxu f'każ ta' prodotti difettużi.**

Iżda minn stħarriġ tal-Ewrobarometru ħareġ li huma biss madwar 50% tal-konsumaturi fl-UE li jqisu lilhom infushom konsumaturi infurmati. L-istħarriġ iffoka fuq tliet aspetti ewlenin:

*•il-ħila tal-konsumaturi li jagħżlu l-aħjar prodotti meta jiġu biex jixtru;*

*•kemm jafu dwar id-drittijiet tagħhom; u*

*•kemm jirnexxilhom jaslu għal soluzzjoni meta jkollhom ilment.*

Mill-istħarriġ ħareġ li l-maġġoranza tal-konsumaturi ma kinux jafu li għandhom id-dritt li:

*•jirritornaw prodott ħażin biex jissewwa, jew jinbidel, jew jingħataw il-flus lura f'każ li dan ma jkunx konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ;*

*•jħassru kuntratt ta' servizz finanzjarju sa 14-il ġurnata, jekk ibiddlu l-idea jew isibu offerta aħjar;*

*•sa 15-il ġurnata jistgħu jħassru kuntratt li jkun sar ma' bejjiegħa bieb bieb.*

## U x'jafu l-Maltin dwar is-simboli li jaraw fuq il-prodotti?

It-tabella ta' hawn taħt turi li l-Maltin jafu ftit iktar mill-medja fl-UE xi jfissru s-simboli fuq il-prodotti li jixtru. Imma huwa importanti li l-konsumaturi jkunu jafu iktar u jfittxu l-għajnuna meta jiġu bżonnha.

| Simbolu | Ifisser li l-prodott... | Ċittadini li jafu xi jfisser is-simbolu | |
|---|---|---|---|
| | | UE | Malta |
|  | ... hu konformi mar-regolamenti u l-istandards Ewropej | 25% | 32% |
|  | ... hu favur l-ambjent (eco-friendly) | 12% | 22% |
|  | ... hu magħmul minn materjal riċiklabbli | 50% | 57% |
|  | ... jista' jkun ta' dannu għas-saħħa | 63% | 66% |

**Għal iktar tagħrif:** Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumaturi: **www.msa.org.mt** jew **2395 2000**

Ċentru Ewropew għall-Konsumaturi: **www.eccnetmalta.gov.mt** jew **2122 1901**

**Malta-EU Steering & Action Committee**

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta
Telefown: 2200 3300
Email:info.meusac@gov.mt
Websajt: www.meusac.gov.mt